

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1676

tas-7 ta' Lulju 2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa, rati fissi u finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 94(4) u 95(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), kif ukoll li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, jixraq li jiġu definiti ċerti kostijiet unitarji u li jiġu stabbiliti ammonti tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet disponibbli għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi. Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, daww il-kostijiet unitarji u l-ammonti tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet eliġibbli taħt l-FSE+ u appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.
- (2) Il-kostijiet unitarji għar-rimborż lill-Istati Membri ġew stabbiliti abbażi ta' metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq *data* storika jew tal-istatistika, kif imsemmi fl-Artikolu 94(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/1060.
- (3) Waqt l-istabbiliment tal-ammonti tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, il-Kummissjoni osservat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari l-prinċipju li r-riżorsi użati jkunu xierqa għall-investimenti mwettqa.
- (4) Filwaqt li jitqiesu l-isforzi addizzjonali meħtieġa biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi r-refuġjati u l-persuni li ħarbu mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kostijiet unitarji speċifiċi għat-tipi ta' operazzjonijiet rilevanti.
- (5) Is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni formali, tat-taħriġ tal-impjegati, tat-taħriġ tal-persuni qiegħda rreġistrati, tal-persuni li qed ifittxu impjieg jew tal-persuni inattivi, kif ukoll tas-servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjieg, se tikkontribwixxi wkoll għas-suċċess tal-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet.
- (6) Filwaqt li jiġu affermati mill-ġdid l-impenji skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⁽²⁾ bil-mira ewlenija tal-Unjoni l-ġdida għall-2030 dwar il-faqar u l-inklużjoni soċjali, jixraq li jiġu ffaċilitati u jinħolqu inċentivi għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet li jgħinu fit-tnaqqis tal-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Għalhekk, l-għażliet ta' kostijiet issimplifikati u l-iskemi tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jenħtieġ li jiġu ddefiniti għall-operazzjonijiet li joffru servizzi tal-kura fid-dar u bbażata fil-komunità kif ukoll għall-operazzjonijiet li jipprovdu servizzi residenzjali u mhux residenzjali għall-vittmi tal-vjolenza domestika u l-persuni mingħajr dar għal żmien qasir jew fit-tul.
- (7) Għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ikkonċernati jeżistu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-livell tal-kostijiet. F'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li l-ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni jirriflettu l-ispeċifità ta' kull Stat Membru.

⁽¹⁾ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

⁽²⁾ Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (europa.eu)

- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-kostijiet unitarji jibqgħu indikatur xieraq għall-kostijiet li jiġġarrbu realment u li l-ammonti għall-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jibqgħu adegwati għall-investiment imwettaq matul il-perjodu ta' programmazzjoni, ġie previst metodu xieraq ta' aġġustament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operazzjonijiet tal-FSE+ u tal-JTF abbażi tal-kostijiet unitarji u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, fosthom it-tipi ta' operazzjonijiet li huma koperti u r-riżultati li jeħtieġ jinkisbu jew il-kundizzjonijiet li jeħtieġ jiġu ssodisfati, l-ammont ta' dan ir-rimborż u l-metodu biex dak l-ammont jiġi aġġustat huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Nefqa eliġibbli

L-ammonti kkalkulati abbażi ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala nefqa eliġibbli għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi f'konformità mal-Artikolu 94(4) u l-Artikolu 95(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060 abbażi tal-kostijiet unitarji u l-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għall-operazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni formali, it-taħriġ, is-servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjeggi, is-servizzi ta' kura fid-dar u s-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza domestika u persuni mingħajr dar

L-ammonti u l-kundizzjonijiet iddefiniti ma għandhomx japplikaw għall-programmi li jkunu stabbilew l-għażliet tal-kostijiet issimplifikati speċifiċi jew l-iskemi tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet tagħhom stess f'konformità mal-Artikoli 94(3) u 95(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, għat-tipi rilevanti ta' operazzjonijiet.

1. OPERAZZJONIJET LI JIKKONĊERNAW L-EDUKAZZJONI FORMALI LI JISTGĦU JIĠU KOPERTI MINN RIMBORŻ ABBAŻI TAL-KOSTIJET UNITARJI

1.1. Tipi ta' operazzjonijiet

Operazzjonijiet edukattivi formali (mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal għall-edukazzjoni terzjarja, finkluz l-edukazzjoni vokazzjonali formali).

1.2. Definizzjoni tal-indikatur li jwassal għall-pagament tal-kostijiet unitarji

Isem l-indikatur: Parteċipant f'sena akkademika tal-edukazzjoni formali

L-unità ta' kejl għall-indikatur: L-għadd ta' parteċipanti li saritilhom il-verifika tal-istatus tar-reġistrazzjoni f'sena akkademika tal-edukazzjoni formali, differenzjati skont il-klassifikazzjoni ISCED. Reġistrazzjoni vverifikata tfisser li l-prova tar-reġistrazzjoni tal-istudent fil-kors tat-taħriġ jew tal-edukazzjoni formali għandha tiġi vverifikata mill-awtoritajiet nazzjonali darbtejn jew tliet darbiet kull sena akkademika, f'konformità mal-prattiki u l-proċeduri normali ta' kull Stat Membru.

Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni: [http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/International_Standard_Classification_of_Education_\(ISCED\)](http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/International_Standard_Classification_of_Education_(ISCED))

1.3. Ammonti (f'EUR)

L-ammonti stabbiliti fit-Tabelli 1a u 1b hawn taħt ikopru l-kostijiet eliġibbli kollha direttament relatati mal-forniment ta' oġġetti u servizzi ewlenin tal-edukazzjoni formali, inklużi l-miżati għat-tagħlim, ir-reġistrazzjoni, il-miżati għall-eżamijiet, il-vjaġġi għall-iskejjel, il-kostijiet tal-kantin.

Kategoriji oħra ta' kostijiet li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni, bħal benefiċċji għall-parteċipanti, trasport, akkomodazzjoni jew tipi oħra ta' appoġġ ipprovduti lill-parteċipanti, mhumiex koperti mill-kost unitarju u għalhekk jistgħu jikkostitwixxu kostijiet eliġibbli addizzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, ma' regolamenti speċifiċi għall-fondi u ma' regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà.

Jekk l-awtorità maniġerjali jew il-korp intermedju inkarigat mill-implimentazzjoni ta' programm japplika dawn il-kostijiet unitarji biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm għal operazzjoni waħda li taqa' taħt dan ir-Regolament, dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu l-ammont li l-Kummissjoni tirrimborża għal kwalunkwe operazzjoni ta' edukazzjoni formali taħt l-istess programm għall-istess tip ta' benefiċjarju. Programmi oħra ġestiti minn korpi intermedji jew minn awtoritajiet maniġerjali differenti mhumiex ikkonċernati minn din ir-restrizzjoni.

L-ammonti huma għall-parteċipazzjoni full-time f'sena akkademika.

Fil-każ ta' parteċipazzjoni part-time, l-ammont għandu jiġi stabbilit *pro rata* biex jirrifletti l-parteċipazzjoni tal-istudent. Fil-każ li l-kors idum anqas minn sena akkademika waħda, l-ammont għandu jiġi stabbilit *pro rata* biex jirrifletti d-durata tal-kors.

Għall-korsijiet li jdumu tal-anqas sena akkademika sħiħa waħda, dawn l-ammonti jistgħu jiġu rimborżati lill-Istat Membru fuq il-bażi li ġejja: 50 % għall-ewwel prova ta' reġistrazzjoni matul is-sena akkademika (normalment fil-bidu tas-sena akkademika, f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali), 30 % għat-tieni prova ta' reġistrazzjoni u 20 % għat-tielet u l-aħħar prova ta' reġistrazzjoni. Għal dawk l-Istati Membri li s-sistemi nazzjonali tagħhom jipprevedu li din l-informazzjoni għandha tinġabar darbtejn biss fis-sena, jew għall-korsijiet li jdumu anqas minn sena akkademika sħiħa waħda, se jkun 50 % għall-ewwel prova ta' reġistrazzjoni u 50 % għat-tieni u l-aħħar prova ta' reġistrazzjoni.

Il-korsijiet jistgħu jsiru fuq il-post, online jew f'format ibridu, iżda dejjem iridu jingħataw bil-ħarrieġa u bil-parteċipanti preżenti fl-istess ħin.

Biex jitqiesu l-isforzi addizzjonali meħtieġa u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati ⁽¹⁾, inklużi persuni li ħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, hemm stabbiliti valuri speċifiċi fit-Tabella 1b għal operazzjonijiet li jindirizzaw dan il-grupp fil-mira. Dawk il-valuri jistgħu jintużaw minflok il-valuri korrispondenti stabbiliti fit-Tabella 1a. Dawn mhumiex valuri kumulattivi u ma jistgħux jintużaw flimkien mat-Tabella 1a.

L-istess kundizzjonijiet għar-rimborż japplikaw għall-valuri stabbiliti fit-Tabelli 1a u 1b. Jekk l-unika differenza hija l-grupp fil-mira, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u rekord tal-awditjar għall-parteċipanti f'konformità ma' definizzjonijiet u prattiki nazzjonali speċifiċi.

1.4. Metodu ta' aġġustament

Il-kostijiet u l-valuri unitarji fit-Tabella 1a jistgħu jiġu aġġustati awtomatikament fuq bażi annwali billi jiġi applikat l-Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-edukazzjoni ⁽²⁾. L-indiċi bażi li jistabbilixxi l-valuri fit-Tabella 1a huwa l- $LCI_{Edukazzjoni2021}$ (l-Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-2021). Il-valuri aġġustati bl-indiċi tas-sena N se japplikaw għall-operazzjonijiet kollha kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena N+1

L-aġġustament għandu jkun ibbażat fuq il-formula li ġejja:

$$SCO \text{ Aġġustat} = SCO \text{ Bażi} \times LCI_{\text{aħħar edukazzjoni}}$$

L-ammonti stabbiliti fit-Tabella 1b jistgħu jiġu aġġustati awtomatikament billi l-kostijiet unitarji aġġustati fit-Tabella 1a jiġu mmultiplikati bil-fattur 1,10.

⁽¹⁾ Sabiex jiġi ddefinit l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u tar-refuġjati, japplikaw id-definizzjonijiet ta' hawn taħt

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

“refuġjat” tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikata li jiġi ppersegwit għal raġunijiet ta' razzizzmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jstax, jew, minħabba din il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'din il-biża', ma tixtieqx tirritorna fih, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha.

“pajjiż ta' oriġini” tfisser il-pajjiż jew il-pajjiżi tan-nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, tar-residenza abitwali preċedenti.

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

“ċittadin ta' pajjiż terz” tfisser kwalunkwe persuna, inkluża persuna mingħajr Stat jew persuna b'ċittadinanza mhux determinata, li mhix ċittadin tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 20(1) tat-TFUE.

⁽²⁾ LC — Indiċi tal-kost lavorattiv skont l-attività tan-NACE Rev. 2 — valur nominali, *data* annwali [lc_lci_r2_a] NACE Rev. 2 (attività = P. Edukazzjoni)

Tabella 1a

Ammonti għal kull parteċipant fl-edukazzjoni formali (f'EUR)

Mhux applikabbli (n/a) tindika li m'hemm l-ebda *data* disponibbli għal dak l-Istat Membru partikolari u fil-livell ta' edukazzjoni indikat.

Is-sena ta' referenza tal-ġbir tad-*data* hija l-2021 minbarra l-kampijiet tad-*data* għal FR u NL fejn is-sena ta' referenza hija l-2019.

		AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED0	5 614	n/a	2 649	2 133	3 704	9 655	10 912	5 179	n/a	4 121	10 618	5 963	3 145	2 627
Żvilupp tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED01	4 848	n/a	n/a	357	n/a	13 279	15 775	n/a	n/a	4 132	18 275	n/a	3 152	n/a
Edukazzjoni preprimarja	ED02	5 793	7 243	2 649	2 771	3 704	8 288	8 012	n/a	2 994	4 117	8 872	5 963	3 145	3 275
Edukazzjoni primarja	ED1	10 777	8 577	1 858	7 635	3 871	7 981	11 103	5 402	3 734	4 566	8 305	5 768	3 233	5 537
Edukazzjoni primarja u edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell (livelli 1 u 2)	ED1_2	12 451	9 331	2 167	8 055	5 036	9 067	11 338	5 474	3 729	4 969	9 948	6 456	3 054	3 072
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell	ED2	14 177	10 995	2 574	8 936	6 626	9 812	11 786	5 645	3 719	5 710	13 247	7 319	2 889	n/a
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - ġenerali	ED24	13 332	n/a	2 359	8 936	6 635	9 812	11 770	5 627	3 719	5 710	13 247	7 319	2 889	n/a
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - vokazzjonali	ED25	n/a	n/a	n/a	n/a	5 134	n/a	16 126	5 773	n/a	n/a	n/a	n/a	3 301	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell	ED3	13 111	11 124	2 033	9 844	5 773	9 895	9 831	4 060	3 229	6 400	7 867	9 583	3 306	3 359
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4)	ED3_4	12 791	11 124	2 030	9 844	5 664	8 769	9 831	4 234	2 665	6 400	7 867	9 522	3 411	3 359
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - ġenerali	ED34	10 760	10 812	1 835	8 888	4 926	10 599	9 790	2 930	2 781	5 432	7 569	9 421	3 225	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - ġenerali (livelli 34 u 44)	ED34_44	11 933	10 812	1 835	8 888	4 709	1 099	9 790	2 930	2 781	5 432	7 569	9 403	3 225	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - vokazzjonali	ED35	14 711	11 365	2 232	14 624	6 108	9 236	9 895	5 678	4 280	8 471	7 990	9 890	3 401	3 408

		AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali (livelli 35 u 45)	ED35_45	13 314	11 365	2 224	14 624	6 060	7 615	9 895	5 782	2 513	8 471	7 990	9 741	3 580	3 408
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED4	2 054	n/a	354	n/a	836	4 893	n/a	6 276	333	n/a	n/a	6 688	4 242	n/a
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED44	n/a	n/a	n/a	n/a	653	10 323	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	6 437	n/a	n/a
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali	ED45	1 359	n/a	354	n/a	1 222	4 545	n/a	6 276	333	n/a	n/a	6 748	4 242	n/a
Edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir	ED5	14 857	10 474	n/a	557	13 910	1 920	9 000	n/a	n/a	5 383	9 138	8 829	465	n/a
Edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8)	ED5-8	15 483	9 376	2 627	2 900	4 784	6 806	9 173	3 790	1 144	4 029	8 590	6 739	2 828	3 929
Edukazzjoni terzjarja minbarra l-edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir (livelli 6-8)	ED6-8	15 596	9 338	2 627	3 178	4 756	6 817	9 195	3 790	1 144	3 665	8 590	6 105	2 926	3 353

		IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE
Edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED0	7 707	5 346	3 824	3 807	17 293	6 240	7 161	2 767	3 286	1 805	5 173	3 445	13 449
Żvilupp tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED01	n/a	n/a	n/a	3 794	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	3 746	6 171	n/a	17 407
Edukazzjoni preprimarja	ED02	5 526	5 346	3 384	3 809	17 293	6 240	7 161	2 767	3 449	1 724	4 731	3 445	12 033
Edukazzjoni primarja	ED1	7 404	6 110	3 600	3 577	17 158	6 132	7 936	3 754	5 229	1 169	5 570	4 148	10 677
Edukazzjoni primarja u edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell (livelli 1 u 2)	ED1_2	7 507	6 282	3 621	3 563	17 931	7 502	9 053	3 753	5 801	1 770	6 000	3 919	10 642
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell	ED2	7 788	6 552	3 664	3 553	19 256	10 281	10 712	3 749	6 782	2 543	7 006	3 713	10 564
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - ġenerali	ED24	8 324	6 552	3 660	3 532	19 256	10 230	9 426	3 749	n/a	2 543	7 006	3 640	10 564

		IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - vokazzjonali	ED25	n/a	6 615	4 956	4 788	n/a	16 143	14 131	n/a	n/a	n/a	n/a	6 970	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell	ED3	7 964	6 654	4 369	3 839	18 676	9 626	8 193	3 236	6 113	2 414	4 839	4 262	11 012
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4)	ED3_4	8 532	6 654	4 420	4 003	18 435	9 626	8 193	3 130	6 113	2 232	4 839	4 311	10 823
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - ġenerali	ED34	8 496	5 946	3 935	3 495	16 939	10 104	8 997	2 848	n/a	5 200	5 589	3 867	9 710
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - ġenerali (livelli 34 u 44)	ED34_44	8 496	n/a	3 935	3 495	16 939	10 100	8 997	2 848	n/a	5 200	5 589	3 867	9 689
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - vokazzjonali	ED35	n/a	n/a	5 016	4 813	19 760	8 312	7 781	3 537	n/a	320	4 489	4 455	13 189
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali (livelli 35 u 45)	ED35_45	4 192	n/a	5 053	4 826	19 344	8 312	7 781	3 320	n/a	416	4 489	4 515	12 633
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED4	15 476	n/a	5 314	4 843	2 769	9 569	5 360	1 793	n/a	838	n/a	546	6 657
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED44	4 192	n/a	n/a	n/a	n/a	9 569	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	8 894
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali	ED45	15 476	n/a	5 314	4 843	2 769	8 624	5 360	1 793	n/a	838	n/a	5 457	5 353
Edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir	ED5	n/a	2 771	3 637	n/a	4 734	11 289	7 099	5 684	2 471	n/a	2 378	4 999	6 205
Edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8)	ED5-8	6 298	2 528	2 750	2 495	23 639	12 754	6 750	3 356	2 993	3 517	6 835	3 484	10 356
Edukazzjoni terzjarja minbarra l-edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir (livelli 6-8)	ED6-8	7 315	2 526	2 609	2 495	26 424	12 907	6 745	3 356	2 967	3 517	7 468	3 460	10 788

Tabella 1b

Ammonti għal kull parteċipant fl-edukazzjoni formali (f'EUR) li tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati, inklużi l-persuni li ħarbu mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

n/a - m'hemm l-ebda data disponibbli għal dak l-Istat Membru partikolari u l-livell ta' edukazzjoni indikat.

		AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED0	6 175	n/a	2 914	2 346	4 074	10 621	12 003	5 697	n/a	4 533	11 680	6 559	3 459	2 890
Żvilupp tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED01	5 333	n/a	n/a	393	n/a	14 607	17 352	n/a	n/a	4 545	20 103	n/a	3 467	n/a
Edukazzjoni preprimarja	ED02	6 372	7 967	2 914	3 048	4 276	9 116	8 814	n/a	3 294	4 529	9 759	6 559	3 459	3 602
Edukazzjoni primarja	ED1	11 854	9 435	2 044	8 398	4 259	8 779	12 213	5 942	4 108	5 023	9 135	6 345	3 556	6 091
Edukazzjoni primarja u edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell (livelli 1 u 2)	ED1_2	13 696	10 264	2 384	8 860	5 540	9 974	12 472	6 021	4 102	5 466	10 943	7 102	3 360	3 379
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell	ED2	15 594	12 095	2 832	9 830	7 288	10 794	12 965	6 210	4 091	6 281	14 571	8 051	3 177	n/a
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - ġenerali	ED24	14 665	n/a	2 595	9 830	7 298	10 794	12 947	6 189	4 091	6 281	14 571	8 051	3 177	n/a
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - vokazzjonali	ED25	n/a	n/a	n/a	n/a	5 648	n/a	17 739	6 350	n/a	n/a	n/a	n/a	3 631	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell	ED3	14 422	12 237	2 237	10 829	6 350	10 884	10 814	4 466	3 551	7 040	8 653	10 541	3 636	3 694
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4)	ED3_4	14 070	12 237	2 233	10 829	6 230	9 646	10 814	4 658	2 931	7 040	8 653	10 474	3 752	3 694
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - ġenerali	ED34	11 836	11 893	2 019	9 776	5 419	11 659	10 769	3 223	3 059	5 975	8 326	10 363	3 547	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - ġenerali (livelli 34 u 44)	ED34_44	13 126	11 893	2 019	9 776	5 180	1 209	10 769	3 223	3 059	5 975	8 326	10 343	3 547	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - vokazzjonali	ED35	16 182	12 501	2 455	16 086	6 719	10 159	10 885	6 246	4 708	9 318	8 789	10 879	3 741	3 748

		AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali (livelli 35 u 45)	ED35_45	14 645	12 501	2 446	16 086	6 666	8 376	10 885	6 360	2 764	9 318	8 789	10 715	3 938	3 748
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED4	2 259	n/a	389	n/a	919	5 382	n/a	6 904	366	n/a	n/a	7 357	4 666	n/a
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED44	n/a	n/a	n/a	n/a	719	11 355	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	7 081	n/a	n/a
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali	ED45	1 495	n/a	389	n/a	1 345	5 000	n/a	6 904	366	n/a	n/a	7 423	4 666	n/a
Edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir	ED5	16 342	11 521	n/a	613	15 301	2 112	9 900	n/a	n/a	5 922	10 052	9 712	511	n/a
Edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8)	ED5-8	17 031	10 314	2 890	3 190	5 263	7 487	10 090	4 169	1 258	4 431	9 449	7 413	3 111	4 321
Edukazzjoni terzjarja minbarra l-edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir (livelli 6-8)	ED6-8	17 155	10 272	2 890	3 496	5 231	7 498	10 114	4 169	1 258	4 031	9 449	6 716	3 218	3 688

		IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE
Edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED0	8 477	5 881	4 207	4 188	19 022	6 864	7 877	3 044	3 615	1 986	5 691	3 790	14 794
Żvilupp tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED01	n/a	n/a	n/a	4 173	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	4 121	6 788	n/a	19 147
Edukazzjoni preprimarja	ED02	6 079	5 881	3 723	4 190	19 022	6 864	7 877	3 044	3 794	1 897	5 204	3 790	13 236
Edukazzjoni primarja	ED1	8 144	6 721	3 960	3 935	18 874	6 746	8 730	4 129	5 752	1 285	6 127	4 562	11 745
Edukazzjoni primarja u edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell (livelli 1 u 2)	ED1_2	8 257	6 910	3 983	3 919	19 724	8 252	9 958	4 128	6 381	1 947	6 600	4 311	11 706
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell	ED2	8 566	7 207	4 031	3 909	21 182	11 309	11 783	4 124	7 461	2 797	7 707	4 085	11 620
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - ġenerali	ED24	9 156	7 207	4 026	3 885	21 182	11 253	10 369	4 124	n/a	2 797	7 707	4 004	11 620

		IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell - vokazzjonali	ED25	n/a	7 277	5 452	5 267	n/a	17 758	15 544	n/a	n/a	n/a	n/a	7 667	n/a
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell	ED3	8 760	7 319	4 806	4 223	20 543	10 589	9 012	3 559	6 725	2 655	5 323	4 688	12 114
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4)	ED3_4	9 385	7 319	4 862	4 404	20 278	10 589	9 012	3 443	6 725	2 455	5 323	4 742	11 905
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - ġenerali	ED34	9 345	6 540	4 329	3 844	18 633	11 115	9 897	3 133	n/a	5 720	6 148	4 254	10 681
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - ġenerali (livelli 34 u 44)	ED34_44	9 345	n/a	4 329	3 844	18 633	11 110	9 897	3 133	n/a	5 720	6 148	4 254	10 657
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell - vokazzjonali	ED35	n/a	n/a	5 517	5 295	21 736	9 143	8 559	3 891	n/a	351	4 938	4 901	14 508
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali (livelli 35 u 45)	ED35_45	4 611	n/a	5 558	5 309	21 279	9 143	8 559	3 652	n/a	457	4 938	4 967	13 897
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED4	17 023	n/a	5 845	5 327	3 046	10 526	5 896	1 972	n/a	922	n/a	601	7 323
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED44	4 611	n/a	n/a	n/a	n/a	10 526	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	n/a	9 783
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja - vokazzjonali	ED45	17 023	n/a	5 845	5 327	3 046	9 486	5 896	1 972	n/a	922	n/a	6 003	5 888
Edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir	ED5	n/a	3 048	4 001	n/a	5 207	12 417	7 809	6 253	2 718	n/a	2 616	5 499	6 825
Edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8)	ED5-8	6 928	2 781	3 025	2 744	26 003	14 030	7 425	3 691	3 292	3 868	7 518	3 833	11 392
Edukazzjoni terzjarja minbarra l-edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir (livelli 6-8)	ED6-8	8 047	2 779	2 870	2 744	29 067	14 197	7 420	3 691	3 263	3 868	8 214	3 806	11 866

2. OPERAZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IT-TAĦRIĠ TA' PERSUNI QIEGĦDA, PERSUNI LI QED IFITTXU IMPJIEG JEW PERSUNI INATTIVI RREĠISTRATI

2.1. Tipi ta' operazzjonijiet

Kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna t-taħriġ ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg jew persuni inattivi rreġistrati. Il-korsijiet ta' taħriġ jistgħu jkunu prinċipalment istituzzjonali jew ibbażati fil-post tax-xogħol, iżda jridu jingħataw tal-anqas parzjalment f'kuntest istituzzjonali.

Fil-każ ta' taħriġ istituzzjonali, il-korsijiet jistgħu jsiru fuq il-post, online jew f'format ibridu, iżda dejjem iridu jingħataw bil-ħarrieġa kif ukoll bil-parteċipanti preżenti fl-istess ħin. Il-korsijiet ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol dejjem iridu jsiru fuq il-post.

2.2. Definizzjoni tal-indikatur li jwassal għall-ħlas tal-kostijiet unitarji

Isem l-indikatur: Parteċipanti li temmew b'suċċess kors ta' taħriġ.

L-unità ta' kejl għall-indikatur: L-għadd ta' parteċipanti li temmew b'suċċess kors ta' taħriġ.

Kors ta' taħriġ għandu jitqies bħala "mitmum b'suċċess" meta jkun hemm dokument li juri t-tlestija f'konformità mar-regoli jew il-prattiki nazzjonali. Pereżempju, dan jista' jkun ċertifikat maħruġ mill-fornitur tat-taħriġ jew dokument ekwivalenti li jkun aċċettabbli skont ir-regoli jew il-prattiki nazzjonali.

Il-kundizzjoni tat-tlestija b'suċċess ta' kors tat-taħriġ ma għandhiex titqies li tkun intlaħqet meta parteċipant itemm b'suċċess biss xi wħud mill-moduli fi ħdan kors ta' taħriġ.

2.3. Ammonti (f'EURO)

L-ammonti stabbiliti fit-Tabelli 2a u 2b hawn taħt ikopru l-kostijiet eliġibbli kollha direttament relatati mal-ġhoti ta' korsijiet ta' taħriġ.

Kategoriji oħra ta' kostijiet li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni, bħal allowances għall-parteċipanti, trasport, akkomodazzjoni jew tipi oħra ta' appoġġ ipprovduti lill-parteċipanti mhumiex koperti mill-kost unitarju u għalhekk jistgħu jikkostitwixxu kostijiet eliġibbli addizzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, mar-regolamenti speċifiċi għall-fondi u mar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà.

Jekk l-awtorità maniġerjali jew il-korp intermedju inkarigat mill-implimentazzjoni ta' programm japplika dawn il-kostijiet unitarji biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm għal operazzjoni waħda li taqa' taħt dan ir-Regolament, dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu l-ammont li l-Kummissjoni tirrimborża għal kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna t-taħriġ ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg jew persuni inattivi rreġistrati taħt l-istess programm ġestit mill-istess korp għall-istess tip ta' benefiċjarju. Programmi oħra ġestiti minn korpi intermedji jew minn awtoritajiet maniġerjali differenti mhumiex ikkonċernati minn din ir-restrizzjoni.

Biex jitqiesu l-isforzi addizzjonali meħtieġa u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati ^(?), inklużi l-persuni li ħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, hemm stabbiliti valuri speċifiċi fit-Tabella 2b għal operazzjonijiet li jindirizzaw dan il-grupp fil-mira. Dawk il-valuri jistgħu jintużaw minflok il-valuri korrispondenti stabbiliti fit-Tabella 2a. Dawn mhumiex valuri kumulattivi u ma jistgħux jintużaw flimkien mat-Tabella 2a.

(?) Sabiex jiġi ddefinit l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' refuġjati, japplikaw id-definizzjonijiet ta' hawn taħt

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

"refuġjat" tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikata li jiġi ppersegwit għal raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew shubja fi grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew, minħabba din il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'din il-biża', ma tixtieqx tirritorna fih, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha;

"pajjiż ta' oriġini" tfisser il-pajjiż jew pajjiżi tan-nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, ta' residenza abitwali preċedenti.

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna, inkluża persuna mingħajr Stat jew persuna b'ċittadinanza mhux determinata, li mhix ċittadin tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 20(1) tat-TFUE;

L-istess kundizzjonijiet għar-rimborż japplikaw għall-valuri stabbiliti kemm fit-Tabella 2a kif ukoll fit-Tabella 2b. Jekk l-unika differenza hija l-grupp fil-mira, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u rekord tal-awditjar għall-parteċipanti f'konformità ma' definizzjonijiet u prattiki nazżjonali speċifiċi.

Għal dawk l-Istati Membri elenkati fit-Tabella 5:

- l-ammonti msemija fit-Tabelli 2a u 2b għandhom jiġu mmultiplikati bl-indiċi għall-Programm reġjonali rilevanti;
- meta l-programmi jkopru aktar minn reġjun wieħed, l-ammont li għandu jiġi rimborżat għandu jkun f'konformità mar-reġjun li fih jiġu implimentati l-operazzjoni jew il-proġett.

2.4. Metodu ta' aġġustament

Dan il-kost unitarju fit-Tabella 2a jista' jiġi aġġustat awtomatikament fuq bażi annwali billi jiġi applikat l-Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-edukazzjoni (*). L-indiċi bażi użat għall-iffissar tal-valuri fit-Tabella 2a huwa LCI_{Edukazzjoni2021} (Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-2021). Il-valuri aġġustati bl-indiċi tas-sena N se japplikaw għall-operazzjonijiet kollha kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena N+1

L-aġġustament għandu jkun ibbażat fuq il-formula li ġejja: $SCO \text{ aġġustat} = SCO \text{ bażi} \times LCI_{\text{aħħar edukazzjoni}}$

Il-kostijiet unitarji stabbiliti fit-Tabella 2b jistgħu jiġu aġġustati awtomatikament billi l-kostijiet unitarji aġġustati fit-Tabella 2a jiġu mmultiplikati bil-fattur 1,10.

Tabella 2a

Ammonti għat-taħriġ ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg jew persuni inattivi rreġistrati (f'EUR)

Is-sena ta' referenza hija l-2021 minbarra l-kampijiet tad-*data* mmarkati b'* – is-sena ta' referenza għal dawn il-kampijiet tad-*data* hija l-2019.

Stat Membru	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR*	HU	HR
EUR	2 944	3 635	1 143	3 133	838	7 757	6 344	1 052	2 193	2 870	6 141	6 512*	2 464	831
Stat Membru	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL*	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
EUR	12 362	3 697	1 103	2 060	19 971	3 292	5 219*	785	1 216	1 244	1 088	626	8 555	

Tabella 2b

Ammonti għat-taħriġ ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg jew persuni inattivi rreġistrati (f'EUR) li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati, inklużi il-persuni li ħarbu mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

Stat Membru	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR*	HU	HR
EUR	3 239	3 998	1 257	3 446	922	8 533	6 979	1 157	2 413	3 158	6 755	7 163*	2 711	914
Stat Membru	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL*	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
EUR	13 598	4 067	1 213	2 266	21 968	3 621	5 741*	863	1 338	1 368	1 197	689	9 411	

(*) LC — Indiċi tal-kost lavorattiv skont l-attività tan-NACE Rev. 2 — valur nominali, *data* annwali [lc_lci_r2_a] NACE Rev. 2 (attività = P. Edukazzjoni)

3. OPERAZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW L-GĦOTI TA' TAĦRIĠ LIL PERSUNI IMPJEGATI

3.1. Tipi ta' operazzjonijiet

Kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna attivitajiet ta' taħriġ li għandha bħala objettivi primarji l-akkwizzizzjoni ta' kompetenzi ġodda jew l-iżvilupp u t-titjib ta' dawk eżistenti, u li hija ffinanzjata mill-inqas parzjalment mill-intrapriżi għall-impjegati tagħhom li għandhom kuntratt ta' xogħol. L-apprendistati jew il-kuntratti ta' taħriġ huma esklużi.

Il-korsijiet ta' taħriġ jistgħu jsiru fuq il-post, online jew f'format ibridu, iżda dejjem iridu jingħataw bil-ħarrieġa kif ukoll bil-parteċipanti preżenti fl-istess ħin.

3.2. Definizzjoni tal-indikaturi li jwasslu għall-ħlas tal-kostijiet unitarji

Isem l-indikatur:

- 1) Ir-rata fis-sieġha tat-taħriġ mogħti lil persuni impjegati.
- 2) Ir-rata fis-sieġha tas-salarju mħallas lil impjegat waqt li jkun qed jagħmel kors ta' taħriġ.

Unità ta' kejl għall-indikatur:

- 1) L-għadd ta' sigħat imwettqa ta' taħriġ mogħti lil persuni impjegati għal kull parteċipant.
- 2) L-għadd ta' sigħat ta' salarju mħallas lil impjegat waqt li jkun qed jagħmel kors ta' taħriġ.

L-għadd ta' sigħat jeħtieġ li jintwera minn sistema ta' ġestjoni tal-ħin verifikabbli f'konformità mal-prattiki nazzjonali standard aċċettati.

3.3. Ammonti (f'EUR)

L-ammonti stabbiliti fit-Tabelli 3a u 3b ikopru l-kostijiet eliġibbli kollha tal-operazzjoni, inklużi l-kategoriji ta' kostijiet li ġejjin:

- tariffi u pagamenti għall-korsijiet ta' taħriġ;
- l-ivvjaġġar u l-allowance għall-parteċipanti relatati mal-korsijiet ta' taħriġ;
- il-kostijiet lavorattivi tal-ħarrieġa interni għal korsijiet ta' taħriġ (kostijiet diretti u indiretti);
- il-kostijiet għaċ-ċentru tat-taħriġ, għall-kmamar tat-taħriġ u għall-materjali tat-tagħlim.

Il-ħin imqatta' għall-korsijiet ta' taħriġ jirreferi għall-ħin tax-xogħol imħallas (f'sigħat) li jintefaq fuq il-korsijiet ta' taħriġ; dan ikopri biss il-ħin ta' taħriġ attwali, u l-ħin li jkun tqatta' matul il-ħin tax-xogħol bi ħlas biss.

Meta s-salarju tal-impjegat waqt li jkun qed jagħmel kors ta' taħriġ ma jkunx kost eliġibbli, għandu jiġi rimborżat biss il-kost unitarju 1). Meta s-salarju tal-impjegat waqt it-taħriġ ikun meqjus bħala kost eliġibbli, jista' jiġi rimborżat l-ammont kombinat mill-kostijiet unitarji 1) u 2).

Kif definit fis-CPR, il-kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi u r-rekwiżiti tar-rekord tal-awditjar jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità ma' definizzjonijiet, regoli u Prattiki nazzjonali speċifiċi.

Jekk l-awtorità maniġerjali jew il-korp intermedju inkarigat mill-implimentazzjoni ta' programm japplika dawn il-kostijiet unitarji biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm għal operazzjoni waħda li taqa' taħt dan ir-Regolament, dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu l-ammont li l-Kummissjoni tirrimborża għal kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna l-għoti ta' taħriġ lil persuni impjegati taħt l-istess programm ġestit mill-istess korp għall-istess tip ta' benefiċjarju. Programmi oħra ġestiti minn korpi intermedji jew Awtoritajiet Maniġerjali differenti mhumiex ikkonċernati minn din ir-restrizzjoni.

Biex jitqiesu l-isforzi addizzjonali meħtieġa u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati ⁽⁵⁾, inklużi persuni li jkunu ħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, hemm stabbiltà valuri speċifiċi fit-Tabella 3b għal operazzjonijiet li jindirizzaw dan il-grupp fil-mira. Dawn il-valuri jistgħu jintużaw minflok il-valuri korrispondenti stabbiliti fit-Tabella 3a. Dawn mhumiex valuri kumulattivi u ma jistgħux jintużaw flimkien mat-Tabella 3a.

L-istess kundizzjonijiet għar-rimborż japplikaw għall-valuri stabbiliti kemm fit-Tabella 3a kif ukoll fit-Tabella 3b. Jekk l-unika differenza hija l-grupp fil-mira, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u rekord tal-awditjar għall-parteċipanti f'konformità ma' definizzjonijiet u prattiki nazzjonali speċifiċi.

Għal dawk l-Istati Membri elenkati fit-Tabella 5:

- l-ammonti stabbiliti fit-Tabelli 3a u 3b għandhom jiġu mmultiplikati bl-indiċi għall-Programm Reġjonali rilevanti;
- meta l-programmi jkopru aktar minn reġjun wieħed, l-ammont li għandu jiġi rimborżat għandu jkun f'konformità mar-reġjun li fih jiġu implimentati l-operazzjoni jew il-proġett.

3.4. Metodu ta' aġġustament

Il-kost unitarju stabbilit fit-Tabella 3a jista' jiġi aġġustat awtomatikament fuq bażi annwali billi jiġi applikat l-Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-edukazzjoni ⁽⁶⁾ u l-Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-appoġġ Amministrattiv. L-indiċi bażi użat għall-iffissar tal-valuri fit-Tabelli 3a kien l- $LCI_{Edukazzjoni2021}$ u l- $LCI_{AppoġġAmministrattiv2021}$ - (indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-2021). Il-valuri aġġustati bl-indiċi tas-sena N se japplikaw għall-operazzjonijiet kollha kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena N+1.

1) L-aġġustament tar-rata fis-siegħa għat-taħriġ tal-persuni impjegati għandu jkun ibbażat fuq il-formula li ġejja:

$$SCO \text{ aġġustat} = SCO \text{ bażi} \times LCI_{\text{I-aħħar edukazzjoni}}$$

2) L-aġġustament tar-rata fis-siegħa għas-salarju ta' impjegat waqt it-taħriġ għandu jkun ibbażat fuq il-formula li ġejja:

$$SCO \text{ aġġustat} = SCO \text{ bażi} \times LCI_{\text{I-aħħar appoġġ amministrattiv}}$$

Il-kostijiet unitarji stabbiliti fit-Tabella 3b jistgħu jiġu aġġustati awtomatikament billi l-kostijiet unitarji aġġustati fit-Tabella 3a jiġu mmultiplikati bil-fattur 1,10.

⁽⁵⁾ Sabiex jiġi ddefinit l-istatus ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi u ta' refuġjat, japplikaw id-definizzjonijiet ta' hawn taħt f'konformità mad-definizzjonijiet nazzjonali speċifiċi

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

"refuġjat" tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikata li jiġi ppersegwit għal raġunijiet ta' razzizzmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew shubja fi grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jstax, jew, minħabba din il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'din il-biża', ma tixtieqx tirritorna fih, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha;

"pajjiż ta' oriġini" tfisser il-pajjiż jew pajjiżi tan-nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr Stat, tar-residenza abitwali preċedenti.

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna, inkluża persuna mingħajr Stat jew persuna b'ċittadinanza mhux determinata, li mhix ċittadin tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 20(1) tat-TFUE;

⁽⁶⁾ LC — Indiċi tal-kost lavorattiv skont l-attività tan-NACE Rev. 2 — valur nominali, *data* annwali [lc_lci_r2_a] NACE Rev. 2 (attività = P. Edukazzjoni)

Tabella 3a

Ammonti għat-taħriġ ta' persuni impjegati (f'EUR)

Is-sena ta' referenza hija l-2021 minbarra l-kampijiet tad-*data* mmarkati b'* — is-sena ta' referenza għal dawn il-kampijiet tad-*data* hija l-2019.

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR*	HU	HR
Rata fis-siegħa – taħriġ ta' persuni impjegati (EUR)	44,84	25,63	8,75	21,37	13,52	40,60	44,31	19,19	19,16	18,98	42,36	37,93*	21,16	12,42
Rata fis-siegħa tas-salarju mħallas lil impjegat waqt li jkun qed jagħmel kors ta' taħriġ (EUR)	32,69	33,55	2,96	13,39	10,68	27,61	35,59	10,00	13,87	20,37	29,26	26,75*	7,27	7,41
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL*	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Rata fis-siegħa – taħriġ ta' persuni impjegati (EUR)	36,23	27,90	10,60	10,88	31,31	23,06	34,73*	14,52	10,34	0,45	24,27	15,41	67,97	
Rata fis-siegħa tas-salarju mħallas lil impjegat waqt li jkun qed jagħmel kors ta' taħriġ (EUR)	32,77	25,30	10,12	5,34	26,88	8,83	23,91*	6,75	12,39	4,49	9,75	18,49	36,47	

Tabella 3b

Ammonti għat-taħriġ ta' persuni impjegati (f'EUR) li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati, inklużi persuni li ħarbu mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR*	HU	HR
Rata fis-siegħa – taħriġ ta' persuni impjegati (EUR)	49,32	28,20	9,63	23,51	14,87	44,66	48,75	21,10	21,07	20,88	46,60	41,72*	23,27	13,67
Rata fis-siegħa tas-salarju mħallas lil impjegat waqt li jkun qed jagħmel kors ta' taħriġ (EUR)	35,96	36,91	3,26	14,73	11,75	30,37	39,14	11,01	15,25	22,41	32,18	29,42*	8,00	8,15
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL*	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Rata fis-siegħa – taħriġ ta' persuni impjegati (EUR)	39,85	30,70	11,66	11,96	34,44	25,36	38,20*	15,97	11,38	0,49	26,70	16,95	74,77	
Rata fis-siegħa tas-salarju mħallas lil impjegat waqt li jkun qed jagħmel kors ta' taħriġ (EUR)	36,04	27,83	11,13	5,87	29,57	9,72	26,30*	7,42	13,62	4,94	10,73	20,34	40,12	

4. OPERAZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-FORNIMENT TAS-SERVIZZI TA' KONSULENZA RELATATI MAL-IMPJIEGI

4.1. Tipi ta' operazzjonijiet

Kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna l-forniment ta' servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjeggi lil persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg jew persuni inattivi rreġistrati. Is-servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjeggi jistgħu jiġu pprovduti individwalment jew bħala parti minn grupp. Dawn jinkludu s-servizzi u l-attivitajiet kollha mwettqa mis-servizz pubbliku tal-impjeggi (PES) u s-servizzi pprovduti minn aġenziji pubbliċi oħra jew kwalunkwe korp ieħor ikkuntrattati b'fondi pubbliċi, li jiffaċilitaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda u ta' persuni oħra li jfittxu impjeg, jew li jassistu lill-impjegaturi fir-reklutaġġ u s-selezzjoni tal-persunal.

4.2. Definizzjoni tal-indikaturi li jwasslu għall-pagament tal-kostijiet unitarji

Isem l-indikatur:

- 1) Ir-rata fis-sieġha għall-forniment tas-servizzi ta' konsulenza.
- 2) Ir-rata fix-xahar għall-forniment tas-servizzi ta' konsulenza.
- 3) Ir-rata annwali għall-forniment tas-servizzi ta' konsulenza.

Unità ta' kejl għall-indikatur:

- L-għadd ta' sigħat tas-servizzi ta' konsulenza pprovduti lil persuni qiegħda, lil dawk li qed ifittxu impjeg jew lil persuni inattivi rreġistrati.
- L-għadd ta' xhur tas-servizzi ta' konsulenza pprovduti lil persuni qiegħda, lil dawk li qed ifittxu impjeg jew lil persuni inattivi rreġistrati.
- L-għadd ta' snin tas-servizzi ta' konsulenza pprovduti lil persuni qiegħda, lil dawk li qed ifittxu impjeg jew lil persuni inattivi rreġistrati.

L-għadd ta' sigħat jeħtieġ li jintwera minn sistema ta' ġestjoni tal-ħin verifikabbli. L-għadd ta' xhur u snin jeħtieġ li jintwera f'konformità mal-prattiki amministrattivi nazzjonali tas-soltu għal dan it-tip ta' reġistrazzjoni jew ġustifikazzjoni tal-ħin.

Il-kost unitarju jkopri l-forniment ta' servizzi ta' konsulenza matul sieġha/xahar/sena irrispettivament mill-għadd ta' persuni li jirċievu s-servizz.

Meta tiġi applikata r-rata ta' kull xahar jew kull sena fil-każ ta' forniment part-time, l-ammont għandu jiġi stabbilit fuq bażi *pro rata* tar-rata ta' kull xahar jew ta' kull sena.

Il-kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u r-rekord tal-awditjar jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità ma' definizzjonijiet, regoli u Prattiki nazzjonali speċifiċi.

4.3. Ammonti (f'EUR)

L-ammonti stabbiliti fit-Tabelli 4a u 4b ikopru l-kostijiet eliġibbli kollha tal-operazzjoni (jiġifieri l-kostijiet diretti tal-persunal + ir-rata fissa ta' 40 % biex jiġu koperti l-kostijiet eliġibbli l-oħra kollha), ħlief għall-benefiċċji mħallsa lill-parteċipanti, li għalhekk jistgħu jikkostitwixxu kostijiet eliġibbli addizzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi u mar-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà.

Jekk l-awtorità maniġerjali jew il-korp intermedju inkarigat mill-implimentazzjoni ta' programm japplika dawn il-kostijiet unitarji biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm għal operazzjoni waħda li taqa' taħt dan ir-Regolament, dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu l-ammont li l-Kummissjoni tirrimborża għal kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna l-forniment tas-servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjeggi taħt l-istess programm ġestit mill-istess korp għall-istess tip ta' benefiċjarju. Programmi oħra ġestiti minn korpi intermedji jew minn awtoritajiet maniġerjali differenti mhumiex ikkonċernati minn din ir-restrizzjoni.

Biex jitqiesu l-isforzi addizzjonali meħtieġa u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati ⁽⁷⁾, inklużi l-persuni li ħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, hemm stabbiltà valuri speċifiċi fit-Tabella 4b għal operazzjonijiet li jindirizzaw dan il-grupp fil-mira. Dawn il-valuri jistgħu jintużaw minflok il-valuri korrispondenti stabbiltà fit-Tabella 4a. Dawn mhumiex valuri kumulattivi u ma jistgħux jintużaw flimkien mat-Tabella 4a.

L-istess kundizzjonijiet għar-rimborż japplikaw għall-valuri stabbiltà kemm fit-Tabella 4a kif ukoll fit-Tabella 4b. Jekk l-unika differenza hija l-grupp fil-mira, għandhom jiġu stabbiltà kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u rekord tal-awditjar għall-parteċipanti f'konformità ma' definizzjonijiet u prattiki nazzjonali speċifiċi.

Għal dawk l-Istati Membri elenkati fit-Tabella 5:

- l-ammonti msemmija fit-Tabelli 4a u 4b għandhom jiġu mmultiplikati bl-indiċi għall-Programm reġjonali rilevanti;
- fejn il-programmi jkopru aktar minn reġjun wieħed, l-ammont li għandu jiġi rimborżat għandu jkun f'konformità mar-reġjun li fih jiġu implimentati l-operazzjoni jew il-proġett.

4.4. Metodu ta' aġġustament

Dan il-kost unitarju jista' jiġi aġġustat awtomatikament fuq bażi annwali billi jiġi applikat l-Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-Amministrazzjoni Pubblika. L-indiċi bażi użat għall-iffissar tal-valuri fit-Tabelli 4a u 4b huwa l- $LCI_{Amministrazzjoni\ pubblika\ 2021}$ (Indiċi tal-Kost Lavorattiv għall-2021). Il-valuri aġġustati bl-indiċi tas-sena N se japplikaw għall-operazzjonijiet kollha kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena N+1

— Rata fis-sieġha: $SCO\ aġġustata = SCO\ bażi \times LCI_{Amministrazzjoni\ pubblika\ sena\ N}$

LC – Indiċi tal-kost lavorattiv skont l-attività tan-NACE Rev. 2 — valur nominali, *data* annwali [$lc_lci_r2_a$] NACE Rev. 2 (attività = O. Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja)

— Rata ta' kull xahar: $SCO\ aġġustata = SCO_{Rata\ fis-sieġha\ aġġustata} \times Ti \times 4,348121417$

Ti - il-medja tas-siġhat maħduma fil-ġimgħa ta' impjeg full-time fil-pajjiż ikkonċernat; 4,348121417 — għadd ta' ġimgħat ta' xogħol fix-xahar;

— Rata annwali: $SCO\ aġġustata = SCO_{Rata\ fix-xahar} \times aġġustata\ 52,177457$

52,177457 — għadd ta' ġimgħat fis-sena;

Il-kostijiet unitarji stabbiltà fit-Tabella 4b jistgħu jiġu aġġustati awtomatikament billi l-kostijiet unitarji aġġustati fit-Tabella 4a jiġu mmultiplikati bil-fattur 1,10.

⁽⁷⁾ Sabiex jiġi ddefinit l-istatus ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi u ta' refuġjat, japplikaw id-definizzjonijiet ta' hawn taħt

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

"refuġjat" tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikata li jiġi ppersegwit għal raġunijiet ta' razzizzmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew shubja fi grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew, minħabba din il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'din il-biża', ma tixtieqx tirtorna fih, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha;

"pajjiż ta' oriġini" tfisser il-pajjiż jew il-pajjiżi tan-nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, tar-residenza abitwali preċedenti.

EUR-Lex - 32011L0095 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna, inkluża persuna mingħajr Stat jew persuna b'ċittadinanza mhux determinata, li mhix ċittadin tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 20(1) tat-TFUE;

Tabella 4a

Ir-rati tal-kostijiet unitarji għall-forniment tas-servizzi ta' konsulenza (f'EUR) — il-livelli tal-prezzijiet tal-2021

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR*	HU	HR
Rata fis-siegħa (EUR)	48,30	46,74	7,36	34,64	17,51	54,69	62,57	24,43	23,60	23,59	51,47	53,77	22,24	13,18
Kull xahar (EUR)	8 904	8 352	1 306	6 266	3 158	9 750	10 446	4 303	4 504	4 164	8 997	9 469	3 916	2 338
Rata annwali (EUR)	106 844	100 228	15 666	75 189	37 892	116 998	125 347	51 639	54 044	49 973	107 957	113 632	46 992	28 064
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL*	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Rata fis-siegħa (EUR)	38,54	35,37	15,62	20,03	41,63	16,84	42,49	11,66	31,71	21,12	38,32	14,72	60,79	
Kull xahar (EUR)	6 838	6 260	2 739	3 484	7 349	3 082	7 519	2 116	5 751	3 701	6 896	2 637	10 757	
Rata annwali (EUR)	82 053	75 120	32 861	41 791	88 195	36 984	90 235	25 387	69 011	44 403	82 757	31 634	129 094	

Tabella 4b

Ir-rati tal-kostijiet unitarji għall-forniment tas-servizzi ta' konsulenza li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tar-refuġjati, inklużi l-persuni li ħarbu mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (f'EUR) — il-livelli tal-prezzijiet tal-2021

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Rata fis-siegħa (EUR)	53,13	51,42	8,10	38,10	19,26	60,16	68,82	26,88	25,95	25,95	56,62	59,15	24,46	14,50
Kull xahar (EUR)	9 794	9 188	1 437	6 892	3 474	10 725	11 491	4 733	4 954	4 581	9 896	10 416	4 308	2 572
Rata annwali (EUR)	117 528	110 250	17 232	82 708	41 681	128 697	137 882	56 803	59 448	54 970	118 753	124 995	51 691	30 870
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Rata fis-siegħa (EUR)	42,40	38,91	17,18	22,03	45,80	18,52	46,74	12,83	34,88	23,23	42,15	16,19	66,87	
Kull xahar (EUR)	7 522	6 886	3 013	3 832	8 084	3 390	8 271	2 328	6 326	4 071	7 585	2 901	11 833	
Rata annwali (EUR)	90 258	82 632	36 148	45 970	97 014	40 682	99 259	27 925	75 912	48 844	91 033	34 798	142 004	

5. L-INDIĊI LI GĦANDU JIĠI APPLIKAT GĦAL REĠJUNI DIFFERENTI GĦAL KULL STAT MEMBRU

Tabella 5

Indiċi li għandu jiġi applikat għall-ammonti għar-reġjuni li ġejjin

Il-Belġju	1,00		
Brussels Capital	1,26		
Flanders	0,97		
Wallonia	0,91		
Franza			
	1,00		
Île de France	1,32	Aquitaine	0,87
Champagne-Ardenne	0,88	Midi-Pyrénées	0,91
Picardie	0,91	Limousin	0,84
Haute-Normandie	0,96	Rhône-Alpes	0,97
Centre	0,89	Auvergne	0,86
Basse-Normandie	0,86	Languedoc-Roussillon	0,84
Bourgogne	0,87	Provence-Alpes-Côte d'Azur	0,93
Nord - Pas-de-Calais	0,95	Corse	0,93
Lorraine	0,90	Guadeloupe	1,01
Alsace	0,97	Martinique	0,90
Franche-Comté	0,89	Guyane	0,99
Pays de la Loire	0,90	La Réunion	0,83
Bretagne	0,86	Mayotte	0,64
Poitou-Charentes	0,83		

Il-Ġermanja	1,00		
Baden-Württemberg	1,08	Niedersachsen	0,93
Bayern	1,05	Nordrhein-Westfalen	1,02
Berlin	0,98	Rheinland-Pfalz	0,96
Brandenburg	0,82	Saarland	0,98
Bremen	1,06	Sachsen	0,81
Hamburg	1,21	Sachsen-Anhalt	0,82
Hessen	1,12	Schleswig-Holstein	0,87
Mecklenburg-Vorpommern	0,79	Thüringen	0,82

Il-Greċja	1,00		
Anatoliki Makedonia, Thraki	0,81	Stere Ellada	0,90
Kentriki Makedonia	0,88	Peloponnisos	0,79
Dytiki Makedonia	1,12	Attiki	1,23
Ipeiros	0,79	Voreio Aigaio	0,90
Thessalia	0,83	Notio Aigaio	0,97
Ionia Nisia	0,82	Kriti	0,83
Dytiki Ellada	0,81		

L-Italja	1,00		
Piemonte	1,04	Marche	0,90
Valle d'Aosta	1,00	Lazio	1,07
Liguria	1,01	Abruzzo	0,89
Lombardia	1,16	Molise	0,82
Provincia Autonoma di Bolzano/Bozen	1,15	Campania	0,84

Provincia Autonoma di Trento	1,04	Puglia	0,82
Veneto	1,03	Basilicata	0,86
Friuli-Venezia Giulia	1,08	Calabria	0,75
Emilia-Romagna	1,06	Sicilia	0,86
Toscana	0,95	Sardegna	0,84
Umbria	0,87		

Il-Polonja	1,00		
Lódzkie	0,75	Wielkopolskie	1,16
Mazowieckie	1,26	Zachodniopomorskie	1,06
Malopolskie	1,05	Lubuskie	0,88
Slaskie	1,19	Dolnoslaskie	1,22
Lubelskie	0,60	Kujawsko-Pomorskie	0,91
Podkarpackie	0,81	Warminsko-Mazurskie	0,83
Swietokrzyskie	0,63	Pomorskie	0,78
Podlaskie	0,73		

Il-Portugall	1,00
Norte	0,86
Algarve	0,87
Centro	0,84
Área Metropolitana de Lisboa	1,33
Alentejo	0,91
Região Autónoma dos Açores	0,91
Região Autónoma da Madeira	0,95

Spanja	1,00		
Galicia	0,88	Extremadura	0,84
Principado de Asturias	0,98	Cataluña	1,09
Cantabria	0,96	Comunidad Valenciana	0,91
País Vasco	1,17	Illes Balears	0,96
Comunidad Foral de Navarra	1,07	Andalucía	0,87
La Rioja	0,92	Región de Murcia	0,84
Aragón	0,98	Ciudad Autónoma de Ceuta	1,07
Comunidad de Madrid	1,18	Ciudad Autónoma de Melilla	1,04
Castilla y León	0,91	Canarias	0,91
Castilla-la Mancha	0,88		

6. SERVIZZI TA' KURA FID-DAR U SERVIZZI TA' KURA MATUL IL-JUM IBBAŻATA FIL-KOMUNITÀ

6.1. Tipi ta' operazzjonijiet

Kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna l-forniment tas-servizzi ta' kura fid-dar u s-servizzi ta' kura matul il-ġurnata bbażati fil-komunità għall-anzjani, għall-adulti b'diżabilità fiżika u mentali, u għat-tfal b'diżabilità fiżika.

1. *Is-servizzi ta' kura fid-dar* huma servizzi mogħtija fid-dar tar-riċevitur tal-kura biex jgħinu lil dawk il-persuni li ma jistgħux jieħdu ħsieb lilhom infushom, minħabba ċirkostanzi oġġettivi, f'Attivitajiet tal-Ħajja ta' Kuljum (ADLs, Activities of Daily Living), bħall-ħasil, l-ilbies u l-ikel, jew f'Attivitajiet Strumentali tal-Ħajja ta' Kuljum (IADLs, Instrumental Activities of Daily Living), bħat-tħejjija tal-ikel, il-ġestjoni tal-flus, ix-xiri ta' prodotti tal-merċa jew ta' oġġetti personali. Is-servizzi ta' kura fid-dar jinkludu wkoll kura mobbli mill-infirmiera u servizzi terapewtiċi bbażati fid-dar.

It-tipi ta' attivitajiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għar-rimborż:

- a) assistenza personali fid-dar;
- b) forniment tas-servizzi ta' iġjene personali;
- c) kura ta' solliev fid-dar;
- d) servizzi terapewtiċi u ta' riabilitazzjoni bbażati fid-dar (għal diżabilitajiet fiżiċi biss);
- e) appoġġ għall-kura mill-infirmiera fid-dar għal ħajja indipendenti (eskluż ix-xiri ta' tagħmir);
- f) servizzi ta' riabilitazzjoni soċjali.

L-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu mill-inqas l-attivitajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) b'mod kumulattiv, jiġifieri sabiex ikunu jistgħu jitolbu n-nefqa relatata bbażata fuq il-kost unitarju.

2. Is-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-Komunità spiss jingħataw fiċ-ċentri tal-kura matul il-jum – istituzzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' kura soċjali u ta' riabilitazzjoni soċjali matul il-jum. Iċ-ċentri tal-kura matul il-jum huma strutturi miftuħa għall-ospitalità u l-kura ta' persuni li ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom kompletament, u li normalment ikollhom mard kroniku. Dawn jippermettu lill-parteċipanti jissoċjalizzaw u jgawdu minn attivitajiet ipplanati f'ambjent ta' grupp, filwaqt li jirċievu kura f'ambjent strutturat binhar matul il-jum.

It-tipi ta' attivitajiet li għejjin għandhom ikunu eliġibbli għar-rimborż:

- kura mill-infermiera;
- kura ta' solliev;
- servizzi ta' żvilupp tal-ħiliet funzjonali u soċjali;
- attivitajiet ta' grupp li jinvolvu eżerċizzji għall-istimulazzjoni mentali fi gruppi u programmi ta' benessere.

Biex ikunu eliġibbli għar-rimborż, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu s-sett kollu tat-tipi ta' attivitajiet stabbiliti hawn fuq għall-operazzjonijiet ta' servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità.

6.2. Definizzjoni tal-indikatur li jwassal għall-pagament tal-kostijiet unitarji

Isem l-indikatur:

1. Il-forniment tas-servizzi ta' kura fid-dar
2. Il-forniment tas-servizzi ta' kura matul il-ġurnata bbażati fil-komunità

Unità ta' kejl għall-indikatur:

1. L-għadd ta' sigħat/jiem/xhur/snin tal-parteċipanti għall-parteċipanti kollha li jirċievu servizzi ta' kura fid-dar
2. L-għadd ta' sigħat/jiem/xhur/snin tal-parteċipanti għall-parteċipanti kollha li jirċievu servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità

6.3. Ammonti (f'EUR)

L-ammonti stabbiliti fit-Tabella 6 u fit-Tabella 7 hawn taħt ikopru l-kostijiet eliġibbli kollha tal-operazzjoni ⁽⁸⁾.

Meta jfasslu operazzjoni unika għall-forniment tas-servizzi ta' kura fid-dar u s-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità appoġġati mill-FSE+, l-Istati Membri ma jitħallewx jagħżlu mil-lista ta' attivitajiet eliġibbli stabbilita skont il-punti 6.1.1 u 6.1.2. L-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu s-sett sħiħ ta' attivitajiet standard stabbiliti skont il-punt 6.1.2 għall-operazzjonijiet tas-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità li jkun eliġibbli għal rimborż, jew fil-każ ta' kura fid-dar, mill-inqas l-attivitajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-punt 6.1.1 b'mod kumulattiv.

Id-dokumenti meħtieġa biex jiġġustifikaw li jkun saru l-attivitajiet rilevanti, u li l-outputs iddikjarati kollha jkun twettqu, huma dawk mitluba f'konformità mal-prattiki u l-proċeduri normali ta' kull Stat Membru. L-awtoritajiet maniġerjali jeħtieġ li jiddefinixxu b'mod ċar ir-rekord tal-awditjar.

Eżempji ta' dokumenti ta' ġustifikazzjoni

⁽⁸⁾ Għal aktar dettalji ara l-istudju bl-isem "Simplified cost options and Financing not linked to costs in the area of social inclusion and youth" għal aktar dettalji: Il-Katalogu tal-pubblikazzjonijiet - Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

Għas-servizzi ta' kura fid-dar:

- Kuntratt ta' indoktratur, rekords ta' awtorapporportar mill-indoktraturi; valutazzjoni tal-indoktraturi minn prattikant ġenerali ta' persuna pprovduta b'servizzi ta' kura fid-dar jew minn servizzi soċjali lokali u/jew dokumentazzjoni ekwivalenti
- Skedi ta' żmien għall-attivitajiet tal-indoktraturi (għall-użu tar-rata fis-siegħa) jew rekords verifikabbli oħra tal-ġestjoni tal-ħin

Għas-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità:

- Rekords tar-reġistrazzjoni u tal-attenzenza tal-parteċipant
- Skedi ta' żmien tal-attivitajiet tal-ħaddiema tal-kura matul il-jum (għall-użu tar-rata fis-siegħa) jew rekords verifikabbli oħra tal-ġestjoni tal-ħin

Jekk l-awtorità maniġerjali jew il-korp intermedju inkarigat mill-implimentazzjoni ta' programm japplika dawn il-kostijiet unitarji biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm għal operazzjoni waħda li taqa' taħt dan ir-Regolament, dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu l-ammont li l-Kummissjoni tirrimborża għal kwalunkwe operazzjoni li tikkonċerna l-forniment tas-servizzi ta' kura fid-dar u s-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità taħt l-istess programm għall-istess tip ta' benefiċjarju. Programmi oħra ġestiti minn korpi intermedji jew minn awtoritajiet maniġerjali differenti mhumiex ikkonċernati minn din ir-restrizzjoni.

6.4. Metodu ta' aġġustament

Il-valuri tal-kost unitarju għaż-żewġ tipi tas-servizzi ta' kura jistgħu jiġu aġġustati kull sena abbażi tal-Indiċi tal-Kost Lavorattiv (LCI) ta' Eurostat għall-attività ekonomika "servizzi tas-saħħa tal-bniedem u tax-xogħol soċjali". Il-valuri aġġustati bl-indiċi tas-sena N se japplikaw għall-operazzjonijiet kollha kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena N+1

Il-formula għall-aġġustament: Valur tal-kost unitarju ta' Stat Membru X * indiċi LCI tal-Istat Membru X

Tabella 6

Kostijiet unitarji għas-servizzi ta' kura fid-dar — livelli tal-prezzijiet tal-2021

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Rata fis-siegħa - EUR	37,19	34,36	6,52	13,54	15,01	35,01	44,36	14,24	13,16	26,20	32,95	32,29	7,29	12,83
Rata ta' kuljum - EUR (*)	297	275	52	108	120	280	355	114	105	210	264	258	58	103
Rata ta' kull xahar - EUR (**)	5 950	5 498	1 044	2 166	2 401	5 602	7 098	2 279	2 105	4 193	5 271	5 167	1 166	2 053
Rata annwali - EUR (***)	71 399	65 971	12 526	25 992	28 810	67 224	85 178	27 349	25 261	50 314	63 257	62 005	13 988	24 635
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Rata fis-siegħa - EUR	36,10	31,86	10,66	10,66	47,19	18,59	40,56	10,98	15,11	11,20	20,55	13,81	36,10	
Rata ta' kuljum - EUR (*)	289	255	85	85	378	149	324	88	121	90	164	110	289	
Rata ta' kull xahar - EUR (**)	5 776	5 097	1 705	1 705	7 551	2 975	6 489	1 757	2 418	1 792	3 288	2 209	5 776	
Rata annwali - EUR (***)	69 312	61 170	20 459	20 459	90 606	35 700	77 871	21 086	29 019	21 503	39 458	26 514	69 312	

(*) Abbażi ta' 8 sığhat ta' kuntatt

(**) Abbażi ta' 160 sığħa ta' kuntatt

(***) Abbażi ta' 1 720 sığħa ta' kuntatt

Tabella 7

Kostijiet unitarji għas-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażati fil-komunità — il-livelli tal-prezzijiet tal-2021

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Rata fis-siegħa - EUR	28,78	26,59	5,05	10,48	11,61	27,10	34,34	11,02	10,18	20,28	25,50	24,99	5,64	9,93
Rata ta' kuljum - EUR (*)	230	213	40	84	93	217	275	88	81	162	204	200	45	79
Rata ta' kull xahar - EUR (**)	4 605	4 255	808	1 676	1 858	4 336	5 494	1 764	1 629	3 245	4 080	3 999	902	1 589
Rata annwali - EUR (***)	55 260	51 059	9 695	20 117	22 298	52 029	65 925	21 167	19 551	38 941	48 959	47 989	10 826	19 066
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Rata fis-siegħa - EUR	27,94	24,66	8,25	8,25	36,52	14,39	31,39	8,50	11,70	8,67	15,91	10,69	27,94	
Rata ta' kuljum - EUR (*)	224	197	66	66	292	115	251	68	94	69	127	86	224	
Rata ta' kull xahar - EUR (**)	4 470	3 945	1 320	1 320	5 844	2 303	5 022	1 360	1 872	1 387	2 545	1 710	4 470	
Rata annwali - EUR (***)	53 645	47 343	15 835	15 835	70 126	27 630	60 269	16 320	22 460	16 643	30 539	20 521	53 645	

(*) Abbażi ta' 8 siegħa ta' kuntatt

(**) Abbażi ta' 160 siegħa ta' kuntatt

(***) Abbażi ta' 1 720 siegħa ta' kuntatt

7. FINANZJAMENT MHUX MARBUT MAL-KOSTIJET GĦALL-OPERAZZJONIJIET LI JIPPROVDU SERVIZZI GĦALL-VITIMI TA' VJOLENZA DOMESTIKA (U ULIEDHOM) U GĦALL-PERSUNI MINGĦAJR DAR

7.1. Tipi ta' operazzjonijiet

L-operazzjonijiet koperti mis-soluzzjoni tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'dan il-modulu ta' servizzi jinkludu servizzi għall-vittmi ta' vjolenza domestika u għall-persuni li jesperjenzaw il-kondizzjoni ta' persuna minghajn dar għal żmien qasir jew fit-tul ipprovduti bħala pakkett ta' servizzi ta':

- Servizzi residenzjali, bħal akkomodazzjoni ta' emerġenza għall-parteċipant; u
- Servizzi mhux residenzjali, bħal konsulenza u intervent permezz ta' ħidma soċjali mal-parteċipant.

7.2. Deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew tar-riżultati li għandhom jinkisbu bi skeda ta' żmien

Ir-rilaxx tal-fondi huwa marbut mal-issodisfar tal-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Il-forniment ivverifikat ta' servizzi residenzjali u/jew mhux residenzjali għal koorti ta' daqs fiss definit minn qabel ta' parteċipanti, li għandu jiġi stabbilit b'mod ċar minn kull Stat Membru fis-sejħa għall-operazzjonijiet.

Il-fondi rilaxxati jinkludu wkoll pagamenti għall-kisba tal-eżiti li ġejjin:

2. Persuni minghajn dar u vittmi ta' vjolenza domestika u uliedhom li jiċċaqilqu minn akkomodazzjoni ta' emerġenza jew temporanja għal akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kirjiet fit-tul ^(*).

(*) Fit-tul huwa ddefinit bħala sena u aktar (skont l-ETHOS – Tipoloġija Ewropea tal-Persuni Minghajn Dar u l-Esklużjoni minn Akkomodazzjoni)

7.3. Definizzjoni tal-indikatur

a) ***L-iskattar tal-pagament tal-kost unitarju għall-forniment tas-servizzi***

Isem l-indikatur: Il-forniment ta' siegħa/jum/xahar tas-servizzi eliġibbli għal koorti ta' daqs fiss ta' parteċipanti, definit minn qabel mill-awtorità maniġerjali.

Unità ta' kejl għall-indikatur: L-għadd ta' sighet/jiem/xhur ta' servizz li jitqattgħu fil-forniment ta' servizzi eliġibbli għal koorti ta' daqs fiss ta' parteċipanti, definit minn qabel mill-awtorità maniġerjali.

b) ***L-iskattar tar-rimborż ta' eżiti ta' suċċess***

Isem l-indikatur:

1. Bidla pożittiva fl-istatus tal-akkomodazzjoni minn parteċipant li jirċievi servizzi eliġibbli ⁽¹⁰⁾.
2. Eżitu sostnut fl-akkomodazzjoni minn parteċipant li jirċievi servizzi eliġibbli.

Unità ta' kejl għall-indikatur:

1. L-għadd ta' persuni mingħajr dar u vittmi ta' vjolenza domestika li jiċċaqilqu f'akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kirja fit-tul.
2. L-għadd ta' persuni mingħajr dar u vittmi ta' vjolenza domestika li, wara li marru b'suċċess f'akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kiri fit-tul, sostnew dan l-eżitu għal durata fissa.

1. ***Riżultati intermedji li jiskattaw ir-rimborż ta' eżiti sostnuti fl-akkomodazzjoni (b)*** ⁽¹¹⁾

1. L-għadd ta' entrati miksuba għal akkomodazzjoni permanenti.
2. L-għadd ta' movimenti sostnuti lejn akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kirja fit-tul għal 3 xhur wara d-dħul.
3. L-għadd ta' movimenti sostnuti lejn akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kirja fit-tul għal 6 xhur wara d-dħul.
4. L-għadd ta' movimenti sostnuti lejn akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kirja fit-tul għal 12-il xahar wara d-dħul.
5. L-għadd ta' movimenti sostnuti lejn akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kirja fit-tul għal 18-il xahar wara d-dħul.

Il-valuri ddefiniti fit-Tabella 8 u fit-Tabella 9 ikopru l-kostijiet eliġibbli kollha tal-operazzjoni.

Id-dokumenti meħtieġa biex jiġġustifikaw li jkunu saru l-attivajiet rilevanti, u li l-eżiti ddikjarati kollha huma dawk meħtieġa f'konformità mal-prattiki u l-proċeduri normali ta' kull Stat Membru. L-awtoritajiet maniġerjali jeħtieġ li jiddefinixxu b'mod ċar ir-rekord tal-awditjar.

⁽¹⁰⁾ Bidla pożittiva fl-istatus tal-akkomodazzjoni tfisser bidla minn akkomodazzjoni ta' emerġenza/temporanja għal akkomodazzjoni konvenzjonali ta' kwalità adegwata fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza u adattata għall-istruttura speċifika tal-familja b'kirjet fit-tul

⁽¹¹⁾ Dawn ir-riżultati huma stadji importanti kumulattivi u l-kost unitarju relatat tagħhom jista' jiġi mitlub għal kull stadju (jiġifieri 3 xhur, 6 xhur, 12-il xahar, 18-il xahar), ladarba jinkiseb.

Eżempji ta' dokumenti ta' ġustifikazzjoni meħtieġa:

Għal servizzi pprovduti lill-vittmi ta' vjolenza domestika u uliedhom:

- Ittra minn avukat għall-vjolenza domestika, minn aġenzija tas-servizzi soċjali, minn fornitur ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza jew minn fornitur ta' assistenza medika fuq letterhead, jew dokumentazzjoni oħra ta' sostenn, bħal rapport tal-pulizija, ordni ta' trażżin jew dokumenti simili, rapport mediku ta' korrimenti biex jiġġustifika l-eliġibbiltà tal-parteċipant.
- Fajl tal-parteċipant individwali li jkun fih id-data tad-dħul fl-operazzjoni, l-isem tal-ħaddiem soċjali/konsulent (jew persunal simili) fl-akkomodazzjoni ta' emerġenza, id-dettalji tas-servizzi pprovduti, iffirmit mill-parteċipant u ffirmit b'mod konġunt mill-membri tal-persunal responsabbli.

Għas-servizzi pprovduti lil persuni mingħajr dar:

- Ittra jew forma oħra ta' dokumentazzjoni (bħal ordni ta' żgumbrament tal-qorti, ittra mid-dipartiment lokali kontra n-nirien jew tal-pulizija, minn kumpanija tal-assigurazzjoni, mill-ex sid il-keru) iffirmita minn ħaddiem ta' sensibilizzazzjoni jew minn ħaddiem ta' servizz minn organizzazzjoni li tista' tivverifika li l-persuna inkwistjoni hija, fil-fatt, mingħajr dar, jew dikjarazzjoni bil-miktub imħejjija mill-parteċipant dwar il-post tal-għajxien preċedenti tal-parteċipant (jekk ma tkunx tista' ssir verifika minn ħaddiem ta' sensibilizzazzjoni jew ħaddiem ta' servizz).
- Fajl tal-parteċipant individwali li jkun fih id-data tad-dħul fl-operazzjoni, l-isem tal-ħaddiem soċjali/konsulent (jew persunal simili) fl-akkomodazzjoni ta' emerġenza, id-dettalji tas-servizzi pprovduti, iffirmit mill-parteċipant u ffirmit b'mod konġunt mill-membri tal-persunal responsabbli.

Għall-pagamenti bbażati fuq ir-riżultati pprovduti lill-vittmi ta' vjolenza domestika u/jew lil persuni mingħajr dar:

- Kopja tal-ftehimiet ta' kiri tal-akkomodazzjoni permanenti inkluża indikazzjoni ċara tad-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-kuntratt ta' kiri imsemmi (li għandhom jiġu ffirmati mill-parteċipant u ffirmati b'mod konġunt mill-aġenzija tal-akkomodazzjoni jew ekwivalenti).

Jekk l-awtorità maniġerjali jew il-korp intermedju inkarigat mill-implimentazzjoni ta' programm japplika dawn il-kostijiet unitarji biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm għal operazzjoni waħda li taqa' taħt dan ir-Regolament, dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu l-ammont li l-Kummissjoni tirrimborża għal kwalunkwe operazzjoni li ttipprovi appoġġ għal servizzi għall-vittmi ta' vjolenza domestika (u uliedhom) u għal persuni mingħajr dar taħt l-istess programm għall-istess tip ta' benefiċjarju. Programmi oħra ġestiti minn korpi intermedjarji jew awtoritajiet maniġerjali differenti mhumiex ikkonċernati minn din ir-restrizzjoni.

7.4. Metodu ta' aġġustament

L-ammonti kkalkolati **għall-forniment tas-servizzi** (Tabella 8) jistgħu jiġu aġġustati kull sena abbażi tal-kostijiet lavorattivi tal-Eurostat u l-inflazzjoni tal-HICP fuq is-servizzi u l-kostijiet tal-akkomodazzjoni. Il-valuri aġġustati bl-indiċi tas-sena N se japplikaw għall-operazzjonijiet kollha kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena N+1.

Il-formula għall-aġġustament: Il-valur unitarju għall-Istat Membru X * Indiċi kombinat tal-LCI u tal-HICP għall-Istat Membru X

L-ammonti kkalkolati **għall-pagamenti bbażati fuq l-eżitu** (Tabella 9) jistgħu jiġu aġġustati kull sena, abbażi tal-inflazzjoni tal-HICP fuq il-kostijiet tas-servizzi u tal-akkomodazzjoni. Il-valuri aġġustati bl-indiċi tas-sena N se japplikaw għall-operazzjonijiet kollha kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena N+1

Il-formula għall-aġġustament: Il-valur unitarju għall-Istat Membru X * Indiċi HICP għall-Istat Membru X

Tabella 8

Valuri unitarji għall-forniment tas-servizzi fil-modulu “Kriżijiet u emerġenzi” ⁽¹²⁾ — livelli tal-prezzijiet tal-2021

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Rata fis-sieġha - EUR	57,90	55,81	24,96	43,47	38,59	56,73	62,22	37,45	37,75	44,62	56,31	52,80	31,66	31,17
Rata ta' kuljum - EUR (*)	463	447	200	348	309	454	498	300	302	357	450	422	253	249
Rata ta' kull xahar - EUR (**)	9 264	8 930	3 994	6 955	6 175	9 077	9 955	5 991	6 040	7 139	9 010	8 447	5 065	4 988
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Rata fis-sieġha - EUR	64,66	48,27	33,65	37,07	85,48	41,87	57,77	32,83	39,99	29,52	40,27	35,84	58,60	
Rata ta' kuljum - EUR (*)	517	386	269	297	684	335	462	263	320	236	322	287	469	
Rata ta' kull xahar - EUR (**)	10 346	7 722	5 384	5 931	13 676	6 699	9 244	5 253	6 398	4 723	6 443	5 735	9 376	

(*) Abbażi ta' 8 sigħat ta' servizz

(**) Abbażi ta' 160 sieġha ta' servizz

Tabella 9

Finanzjament tal-eżitu permezz ta' somom fissi f'daqqa għall-modulu tas-servizz “Kriżijiet u emerġenzi” ⁽¹³⁾ – livelli tal-prezzijiet tal-2021

	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	HR
Dħul fl-akkomodazzjoni – EUR (a)	611	589	263	458	407	598	656	395	398	470	594	557	334	329
Akkomodazzjoni sostnuta għal 3 xhur, 6 xhur, 12-il xahar, 18-il xahar – EUR (b)	1 832	1 766	790	1 375	1 221	1 795	1 968	1 185	1 194	1 411	1 781	1 670	1 001	986
	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	
Dħul fl-akkomodazzjoni – EUR (a)	682	509	355	391	901	441	609	346	422	311	425	378	618	
Akkomodazzjoni sostnuta għal 3 xhur, 6 xhur, 12-il xahar, 18-il xahar – EUR (b)	2 045	1 527	1 065	1 173	2 704	1 324	1 828	1 039	1 265	934	1 274	1 134	1 854	

⁽¹²⁾ Dawn huma ammonti fissi għall-forniment ġenerali tas-servizz lil koorti ta' daqs fiss ta' parteċipanti. Dawn mhumiex ammonti għal kull parteċipant individwali.⁽¹³⁾ L-ammonti jiġu żborżati għal kull parteċipant individwali li jikseb l-eżitu b'suċċess